MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 805/2007

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D, bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Formula One Licensing B.V., ta' Rokin 55, 1012 KK Amsterdam, l-Olanda**

**Vs**

**Lively Ltd, kumpanija estera registrata fir-registru tal-kumpaniji tal-Ingilterra u Wales bin-numru 04388335, b'indirizz registrat li jinsab fl-Ingilterra u li huwa dak ta' 2 Woodside Mews, Clayton Wood Close, Leeds, West Yorkshire LS16 6QE**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Is-socjeta' attrici hija proprjetarja tat-*trademarks* famuzi "F1" u "FORMULA 1", it-tnejn registrati bhala *Trademarks* Komunitarji, u wzati madwar id-dinja in konnessjoni mal-*FIA Formula One World Championship* kif ukoll fuq prodotti u servizzi relatati mal-istess.

B'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna investiment finanzjarju w promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici kisbet reputazzjoni u avvjament sinjifikanti in konnessjoni mat-*trademarks* taghha "F1", "FORMULA 1" u ohrajn relatati, liema *trademarks* huma ta' fama mondjali fir-rigward tal-*FIA Formula One World Championship*.

Is-socjeta' konvenuta hija kumpanija Ingliza li ghandha s-sit tal-Internet http://www.lively.co.uk. Fuq dan l-istess sit hija tiddeskrivi lilha nnifisha bhala *media and marketing company…running many portal and informational sites.*

B'effett mid-29 ta' Awissu tal-2005 is-socjeta' konvenuta rregistrat f'isimha *trademark* bin-numru ta' registrazzjoni 44012 – "F&1", u dan dwar *Internet website such as providing telecommunication connections to a computer network and providing user access to a computer network*, u f'dan ir-rigward ic-certifikat ta' registrazzjoni dwar l-istess *trademark* gie mahrug fl-24 ta' Novembru 2005 cioe' fi zmien relattivament qasir hafna u proprju ftit ta' zmien biss qabel ma beda jiddekori 'l-hekk imsejjah *sunrise period* dwar registrazzjonijiet ta' ismijiet ta' domiju / *domain names* ".eu".

Bejn qabel id-29 ta' Awissu tal-2005 u s-7 ta' Dicembru 2005 ma kien hemm ebda komunikazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici dwar l-isem ta dominju / *domain name* "f1.eu", u ma kien hemm assolutament ebda tip ta' ftehim bejn il-partijiet f'din il-procedura dwar applikazzjoni f'Malta minn naha tas-socjeta' konvenuta ghar-registrazzjoni tat-*trademark* "F&1".

Effettivament, ezattament fis-7 ta' Dicembru 2005 gietipprezentata lil EURid vzw fir-registru Ewropew ta' ismijiet

ta’ dominju / *domain names*, applikazzjoni f’isem Roos IT, Marc Roos, u dan ghar-registrazzjoni tal-isem ta’ dominju / *domain name* “f1.eu”. Bhala l-prova dwar dritt antecedenti / *prior right*, saret referenza ghat-*trademark* numru 44012 – “F&1” tas-socjeta’ konvenuta, bl-indikazzjonijiet tan-*nameservers* “ns1.lively.co.uk” u “ns2.lively.co.uk” rispettivament.

Ir-registratur Ewropew ta’ ismijiet ta’ dominju / *domain names* accetta tali applikazzjoni. Jidher li s-sinjal *ampersand (&)* fit-trademark “F&1” gie kunsidrat bhala “karattru specjali” taht l-artiklu 11 tar-Regolament (EC) 874/2004.

Fit-28 ta’ Dicembru 2006, wara denunzja appozita maghmula mis-socjeta’ attrici, ic-Centru ta’ Arbitragg *ADR Center for .eu* imwaqqaf skond l-artiklu B12 tad- *.eu Dispute Resolution Rules (ADR Rules)*, ordna permezz ta’ *Panel Decision* tieghu, li l-isem ta’ dominju / *domain name* “f1.eu” registrat favur Roos IT, Marc Roos, jigi trasferit lill-istess socjeta’ attrici, u dan kollu ghar-ragunijiet indikati fl-istess Decizjoni.

Minn dan kollu, johrog car li l-applikazzjoni ghat-*trademark* numru 44012 kienet saret b’malafidi, senjatament ghal skop uniku u cioe’ dak li jigi registrat fi zmien qasir hafna u assolutament qabel is-7 ta’ Dicembru 2005 korrispondenti mad-data ta’ ftuh ta’ applikazzjonijiet ghall-ismijiet ta’ dominju / *domain names .eu* (‘l-hekk imsejjah *sunrise period*), u dan sabiex meta debitament irregistrat, tali *trademark* jigi wzat mis-socjeta’ konvenuta u/jew bil-kunsens taghha, bhala mezz ghall-ghan ahhari cioe’ dak li l-isem ta’ dominju “f1.eu” jigi registrat favur terz jew terzi minghajr assolutament ebda konnessjoni mas-socjeta’ attrici, u b’hekk jigi ndebitament approprijat l-isem ta’ dominju / *domain name* “f1.eu”, u jittiehed vantagg kummercjali llecitu w ngust mill-avvjament assocjat mat-*trademark* famuz “F1”.

Dan l-agir tas-socjeta’ konvenuta imur kontra d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 4(6) tal-Att dwar it-*Trademarks* (Kapitolu 416 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta).

Is-socjeta' attrici ghandha kull interess li tippromwovi din il-kawza, u dan sabiex jigu salvagwardjati u nfurzati d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali li ghandha ghar-rigward ta' *t-trademarks* taghha.

L-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati.

Ghalkemm debitament interpellata permezz ta' ittra nterpellatorja datata 30 ta' Jannar 2007 sabiex tieqaf u tiddezisti mill-agir abusiv u llegali taghha u ccedi i-*trademark* numru 44012 – "F&1", is-socjeta' konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbu lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara, ai termini tal-artiklu 43(1) tal-Att dwar it-*Trademarks* (Kapitlu 416 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta), ir-registrazzjoni tat-*trademark* numru 44012 "F&1" bhala nvalida minhabba f'li t-*trademark* kienet registrata bi ksur ta' l-artiklu 4(6) tal-istess Att.

Rat li ghalkemm debitament notifikata, is-socjeta' intimata naqset milli tipprezenta twegiba.

Rat id-dokumenti kollha.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi, mid-dokumenti esibiti, it-talba tal-attur *nomine* tinsab pruvata.

Ghaldaqstant fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba kif dedotta fir-rikors promotur, bl-ispejjez kif mitluba fl-istess rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------